**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 56/2002

Il-Pulizija
(Spettur D. Galea)

Vs

Mark John Schembri

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Marzu 2000 u/jew fix-xhur ta' qabel fuq il-bejt ta' block flats bl-isem 'Daisy' fi Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita' tieghu innifsu, fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, ndahal fi hwejjeg haddiehor u cioe' lil Joseph u Margaret Bonello.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Marzu, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati u kkundannat lill-istess appellant ghall-hlas ta' ammenda ta' LM 25 u obbligatu jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar minn dik il-gurnata fuq piena ta' LM 2 multa fin-nuqqas skond l-Artikolu 377 tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Marzu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi l-esponent jigi ddikjarat mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- li l-fatti kif imressqa ma jwasslux ghar-reat ta' ezercizzju arbitrarju ta'pretensjonijiet , cioe' dak kif komunement maghruf bhala "ragion fattasi" skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ghaliex ma rrizultawx ir-rekwiziti ta' dan ir-reat konsistenti f' att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ; u dak tax-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ; li l-appellant qatt ma basar li xi hadd ser jipprotesta fejn ser iwahhal l-impjant , aktar u aktar meta r-residenti kollha tal-blokk jaghmlu uzu bejnithom mill-bejt indiviz.

L-appellant qed jilmenta ukoll , bla pregudizzju u in linea sussidjarja , illi is-sentenza appellata hija nulla peress illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti mhix dik li tohrog mil-ligi u dana billi l-ewwel Qorti ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' Lm25 meta l-ligi tippreskrivi multa u obbligatu li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar fuq piena ta' zewg liri (LM2 ) multa fin-nuqqas, skond l-art. 337 tal-Kap.9 , meta dan l-artikolu jippreskrivi penali ta' ammenda .

Semghet ix-xiehda mill-gdid ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;

Ikkunsidrat ;

Illi l-fatti tal-kaz jirrisalu ghall-Marzu, tas-sena 2000, meta l-appellant li hu wiehed mill-okkupanti ta' block flats "Daisy Court" Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar , qieghed u stalla parti mill-equipment tal-air conditioner fuq il-bejt tal-istess blokk b'mod li allegatament fixkel serjament l-access tal-konjugu Joseph u Margaret Bonello ghall-pipe tal-ilma li mit-tank ta' fuq il-bejt jissuplixxi ilma ghall-flat taghhom fl-istess blokk. Margaret Bonello, malli indunat b'dan , kienet ikkuntattjat lill-appellant u meta spjegatlu x'kien gara , dan kien qalilha : "Mela issa ncemplilhom biex jigu." Hi qaltlu biex icemplilha meta jigu il-haddiema halli hi tkun taf li jkun lest, izda l-appellant qatt ma rega' cemplilha u l-airconditioning unit baqa' fejn kien sa meta xehdet quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Gunju, 2002. Bonello spjegat ukoll li , biex tghaddi halli tiftah il-vit , trid ticcattja mall-art u anki hekk ikollok xorti li tilhqu u dana sija jekk tipprova tilhqu minn-naha jew minn ohra. Brian Bonello , bin Margerat Bonello, ukoll xehed li biex hu fetah il-vit kellu jitmieghek mall-art. Mill-bqija trid taqbez l-airconditioner .

Illi jidher car mir-ritratti esebiti (Dok MB1 u 2 u MS 1 u 2) li l-airconditioning unit li pogga l-appellant fuq il-bejt tal-block flats in kwistjoni jimblokka l-access ghall-istop cock tat-tank tal-flat numru 16 , proprjeta' tal-konjugi Bonello . Di fatti dan it-tank li qieghed fil-kantuniera magemb l-opramorta ,ghandu zewg tankijet fuq naha dak tal-flats 28 u 22 u zewg tankijiet ohra, wiehed iswed u l-iehor abjad immarkat bin-numru 4. (MB 2) . Ovvjament l-aktar mod facli biex wiehed jilhaq l-stop cock li jinsab ftit il fuq mill-art tal-bejt , bejn it-tank u l-hajt tal-opramorta hu li wiehed idahhal idejh bejn it-tank numru 22 u t-tank numru 16 . Dan pero' issa gie rez difficli ferm minhabba il-prezenza tal-airconditioning unit li wahhal l-appellant wara u bejn iz-zewg tankijiet imsemmija. Illi umbaghad kif jidher mir-ritratt (MS 1) l-access ghal dan l-istop cock minn-naha l-ohra ukoll xejn mhu facli minhabba il-prezenza tal-"inflow pipes" li minnhom jintlew it-tankijiet 4 u l-iswed . Biex wiehed jidhol minn din-naha ikun hemm bzonn li wiehed jidhol imbe jitmieghek mall-art fl-ispazju li hemm bejn l-"outflow" u l-"inflow pipes" , haga li hi skomda ferm ghall kull minn jipprova jidhol hekk u aktar u aktar difficli - jekk mhux addirittura impossibbli ghall-persuni tal-eta' pjuttost avvanzata tal-konjugi Bonello . Illi ghalhekk ma hemmx dubju li bil-mod li pogga l-airconditioner tieghu l-appellant qed ifixkel u jxekkel lill-konjugi Bonello fl-uzu tat-tank tal-bejt , uzu li mhux kontestat li ghandhom dritt ghalih .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;

(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;

(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u

(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia (17.2.95) ; il-Pulizija vs. Reno Micallef (6.6.95 ) u ohrajn )

Illi dan l-istat ta' fatt fil-fehma ta' din il-Qorti jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-"exercise of a pretended right" jew "ragion fattasi" , ghax l-appellant , bhala wiehed mis-sidien tal-bejt komuni hass li kellu dritt jistalla l-unit tal-airconditioning fejn deherlu hu u ma qaghadx jaghti kaz tal-inkonvenjent serju li holoq ghall-ko-proprjetarji u utenti l-ohra tal-istess bejt , il-konjugi Bonello, li b'hekk tilfu kull access prattiku u ragonevoli ghal vit tat-tank tal-ilma taghhom. Illi anki jekk meta ghamlu , m'ghaddilux minn mohhu li kien qed jaghmel xi haga hazina jew xi inkonvenjent , meta Margaret Bonello ikkuntattjatu hekk kif idunat x' gara , imissu intebah li kien naqas u irmedja is-sitwazzjoni billi caqlaq l-unit minn fejn kien poggieh . Seta facilment spostah ghal wara t-tank tieghu numru 28 jew addirittura magemb dan it-tank , fejn hemm spazju adegwat magemb l-opra morta kif jidher mir-ritratt MS2 . Jidher li ghall-bidu , l-appellant donnu hass li kellu jaghmel xi haga biex jirranga tant li lil Margaret Bonello qalilha - sa kemm ma kienx qed jissimula - li ser icemplilhom u hi fehmet li ser jigu icaqalquh minn hemm , pero dan sal-lum , baqa' ma sarx. Illum l-appellant qed isostni li kellu dritt li jpoggieh fejn poggieh u ma jridx icaqilqu minn hemm .

Illi kuntrarjament ghal dak li sostna l-abbli difensur fir-rikors tal appell u fit-trattazzjoni tieghu ,jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina . Ma hemmx dubju li l-appellant ghamel att estrern li impedixxa lill-konjugi Bonello minn dritt li kienu igawdu , cioe' dak li jifthu u jaghalqu il-vit tat-tank bla ebda xkiel u inkonvenjent . Hu ovvju ukoll id-dissens tal-konjugi Bonello li gie muri minnufieh lill-appellant malli indunaw - u ovvjament ma setghux jaghmlu dan qabel - liema dissens ghadu vigenti sal-lum tant li wassal ghall-kawza odjerna. L-appellant poggieh hemm ghax kif qed isostni kellu kull dritt li jaghmlu hemm skond ma qalulu tal-Association tal-blokk flats. L-appellant bhala sid in komun tal-bejt jaf jew suppost li jaf li ma jistax jaghmel alterazzjonijiet fil-proprjeta' komuni minghajr il-kunsens tas-sidien l-ohra , lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' gid ghal kullhadd (Art. 493 tal-Kodici Civili) u li fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji , Il-Qorti Civili taghti il-provvedimenti mehtiega . (Art. 494 tal-Kodici Civli) . Ghalhekk jekk ried ibiddel l-istato quo, l-appellant kien imissu irrikorra lill-Qorti u mhux jiehu il-ligi b'idejh kif ghamel. Ergo anki it-tielet rekwizit ta' dan ir-reat jirrizulta. Umbaghad l-ahhar element ta' dar-reat u cioe' li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi , ukoll jezisti u hadd ma allega li l-att tal-appellant jammonta ghal xi reat aktar gravi.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta' "ragion fattasi" dedott kontra tieghu u l-appell dwar il-htija qed jigi respint.

Illi pero l-appellant , in linea sussiddjarja ressaq aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza ghax dak li l-Ewwel Qorti suppost sejhet multa fis-sentenza appellata , sejhitilha ammenda u dak li suppost sejhet ammenda sejhitilha multa. Ghalkemm bhala fatt l-appellant ghandu ragun li l-kundanna kellha tkun ta' MULTA ta' LM25 u penali ta' LM2 kulljum ammenda fin-nuqqas li jnehhi l-inkonvenjent u dan huwa zball jew "lapsus" fis-sentenza appellata li jrid necessarjament jigi korrett , dan fih innifsu ma jgibx in-nullita' tal-sentenza appellata, ghaliex mhux wiehed mir-rekwiziti li jrid ikun fiha s-sentenza taht piena ta' nullita' skond l-art. 382 tal-Kodici Kriminali u lanqas jammonta ghal xi ksur jew non-osserrvanza ta' xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita' kif kontemplat fl-art. 428 tal-Kodici Kriminali u li jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza u terga tiddeciedi il-kawza fuq il-mertu jew li terga' tibghat il-kawza quddiem l-ewwel Qorti .

Ghalhekk dan l-aggravju dwar il-piena , ghalkemm gustifikat, jista' ghall- massimu iwassal ghal riforma tas-sentenza appellata billi l-zball jigi korrett , kif ser isir hawn taht , fil-parti dispozittiva tas-sentenza .

Ghal dawn il-motivi is-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u revokata in kwantu ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' "ammenda" ta' LM25 u obbligatu inehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar fuq "piena" ta' LM2 " multa " fin-nuqqas skond l-artikolu 377 tal-Kap.9 u minnflok qed tikkundanna lill-appelant ghal hlas ta' MULTA ta' LM25 u tobbligah inehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar mil-lum taht PENALI ta' ammenda ta' LM2 kulljum fin-nuqqas skond l-artikolu 377 (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

J.G. Galea Debono.
18.9.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur